MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 172/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Ahmed Moussa Yassine**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ahmad Moussa Yassine talli:

(1) Fil-21 ta' Awissu 2003, u fil-jiem ta' qabel din id-data, bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta, bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' xi persuni ohra;

(2) Fil-21 ta’ Awwissu 2003, u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien u/jew ma’ xi persuna ohra f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta (reat bi ksur ta’ l-artikolu 337A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 337A u 48A tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Ahmed Moussa Yassine hati tar-reat ta’ traffikar ta’ persuni (l-ewwel imputazzjoni) u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur, izda ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ahmad Moussa Yassine pprezentat fit-8 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija w piena, u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghan-nuqqas ta’ htija tibdilha dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) filwaqt illi l-ewwel Qorti qalet illi hija “ghandha verzjoni tal-fatti ta’ kif gara l-incident in kwistjoni mill-imputati stess”, il-pozizzjoni legali korretta hi li d-dikjarazzjoni ta’ wiehed ma tistax tippregudika lill-iehor; (2) l-ewwel Qorti qalet illi l-artikolu 48A tal-Kap. 9 ma japplikax ghal dan il-kaz peress illi l-familja Lebaniza telqet minn Malta mentri fil-fatt ma jirrizultax illi din telqet; (3) ma jaqbilx ma’ l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta’ l-element tal-*lucrum*, irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni, u l-ewwel Qorti mkien ma qalet illi dan l-element gie ppruvat; (4) ma sarx apprezzament tajjeb tal-fatti; (5) l-intenzjoni ma kinitx il-hrug minn Malta izda d-

dhul f'pajjiz iehor; (6) alternattiva ghall-piena ta' prigunerija hemm dik tal-multa.

Relattivament ghall-**ewwel** aggravju, din il-Qorti sejra ticcita l-paragrafu fejn hemm il-bran li ghalih jaghmel referenza l-appellant. Dan il-bran qieghed jigi riprodott precizament kif jidher fis-sentenza appellata:

"Illi ghalhekk, din il-Qorti ghandha versjoni tal-fatti ta' kif gara l-incident in kwistjni (*sic!*) mill-imputati stess. Il-Qorti tirrimarka li fil-fatt dak li qalu l-impuat (*sic!*) fl-istqarrija hija korroborata mix-xhieda tieghu moghtija viva voce."

Minbarra xi *lapsus computeris* 'l hawn u 'l hemm, mhuwiex car jekk l-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza ta' dan il-bran kinitx qed tirreferi proprju ghal dak li qalu z-zewg ko-imputati jew inkella ghal dak li kien qal il-ko-imputat Ali Samih Taki peress illi kienet ghadha kemm irreferiet ghall-istqarrija tieghu u kien hu biss li xehed waqt il-proceduri quddiem dik il-Qorti. L-appellant Yassine ma xehedx. Fit-tieni sentenza ta' l-imsemmi bran imbaghad, l-ewwel Qorti tibda biex tirreferi ghal dak li "qalu" (mela, fil-plural) biex imbaghad tikkonkludi s-sentenza fis-singular ("mix-xhieda [***recte:*** xiehda] tieghu").

Fi kwalunkwe kaz, dak li ma qalitx l-ewwel Qorti huwa li l-principji applikabbli huma dawk li jemanu mill-artikoli 661 u 639(3) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 661 jipprovdi li "[k]onfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra." Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 qabel ma gie emendat bl-artikolu 21 ta' l-Att XVI ta' l-2006 kien jipprovdi hekk: "Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138, ikun il-komplici, u x-xiehda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."

Mela dak li seta' qal Ali Samih Taki dwar l-appellant Yassine fl-istqarrija tieghu tat-22 ta' Awissu 2003 ma jista' bl-ebda mod ikun ta' pregudizzju ghall-appellant. U dak li

xehed Taki fil-konfront ta' l-appellant kien jehtieg korroborazzjoni. Dan huwa dak li kellha tghid l-ewwel Qorti u li kellha zzomm quddiem ghajnejha dik il-Qorti meta giet biex taghmel l-apprezzament tal-provi.

Dwar it-**tieni** aggravju, l-appellant jghid illi l-importanza ta' tali aggravju huwa li l-ewwel Qorti kkonstatat li l-familja Lebaniza telqet minn Malta meta fil-fatt ma kienx il-kaz. Fis-sentenza taghha fil-fatt l-ewwel Qorti tghid illi f'dan il-kaz "id-delitt huwa ta' traffikar ta' persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi, li effettivament gie kkunsmat ghaliex il-familja Lebaniza telqet minn Malta, u ghalhekk l-artikolu 48A ma japplikax ghal dan il-kaz ghal din ir-raguni …."

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u tosserva illi l-unika dikjarazzjoni fis-sens li l-familja waslet l-Italja kienet fl-istqarrija ta' l-appellant fejn qal: "Chef Ali told me that the Lebanese people had arrived in Italy." Tali dikjarazzjoni tikkostitwixxi *hearsay* u effettivament **minn imkien ma jirrizulta** li l-familja Lebaniza telqet minn Malta. L-Ispettur Denise Mula stess (l-ufficjal prosekutur) xehdet illi fil-21 ta' Awissu 2003 l-Ispettur Mangion tal-SAG infurmaha li huwa kien ircieva informazzjoni li kien hemm familja Lebaniza li kienet tikkonsisti f'mara, ragel u baby li kienu ser jippruvaw ihallu Malta klandestinament. Mix-xiehda taghha jirrizulta li dawn il-persuni ngabru mill-Ispettur Mangion u W.P.C. 54 u haduhom id-DIK fejn hija kellmithom u dawn indikawlha l-pjanijiet taghhom biex ihallu Malta ghall-Italja u dwar dak li ghamlu biex dan isehh. Dawn il-persuni fil-fatt ukoll xehdu quddiem l-ewwel Qorti (Bilal El Eli u Laila Ramadan – a fol. 11 sa 17). Huma spjegaw il-kuntatti li ghamlu biex isehh il-hsieb taghhom li jmorru l-Italja. Apparti hekk minn imkien ma jirrizulta b'xi mod suggerit li dawn il-persuni kienu b'xi mod telqu minn Malta u ntbaghtu jew ingabu lura Malta mill-awtoritajiet Taljani.

Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonkludiet li l-familja Lebaniza kienet telqet minn Malta peress illi mill-provi jirrizulta proprju l-kuntrarju, u cioe` li l-familja Lebaniza **ma telqitx minn Malta**.

Dan ifisser illi s-sejbien ta' htija ta' l-appellant Yassine mill-ewwel Qorti kienet ibbazata intjerament fuq premessa ghal kollox zbaljata. Inoltre l-anqas ma jirrizulta mill-provi li kien hemm it-tentattiv biex il-familja Lebaniza tohrog minn Malta u dan peress illi ma jirrizultax il-bidu ta' l-esekuzzjoni tal-ftehim biex tinhareg minn Malta. Kull ma gara kien li din il-familja twasslet x'imkien hdejn il-bahar u minn hemm ingabret minn xi hadd iehor bl-isem ta' Walid biex torqod ghandha. Seta' forsi jiffigura r-reat ta' kongura sabiex isir it-traffikar ta' persuni izda minn tali reat l-ewwel Qorti lliberatu. Difatti hija ddikjaratu hati tar-reat ta' traffikar ta' persuni u mbaghad ddikjarat "li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom". Ghalhekk ma tistax issa ssibu hati din il-Qorti ta' tali reat. Konsegwentement, billi l-appell sejjer jigi akkolt, m'hemmx lok li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' traffikar ta' persuni u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sitt xhur u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali reat u minnha tilliberah u inoltre tikkonfermaha fil-kumplament in kwantu tirrigwarda lill-istess appellant Ahmad Moussa Yassine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------